# Il-Ħadd 24.05.2015

1. Illum 24/05, **Għid il-Ħamsin – Pentekoste**:
   - Fil-quddiesa tat-8:15am jiġu ppreżentati dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof.
   - Wara nofs in-nhar ser ikollna Ħarġa għall-Festa ta' San Pawl fil-Munxar, Għawdex. Infakkar lil dawk li nkitbu li t-tluq huwa fit-3:00pm u nkunu lura għall-10:30pm.

2. It-Tnejn 25/05:
   - Fil-5:30pm - Laqgħa tal-Kappillan mat-tfal (Subien u Bniet) li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina, fil-Museum tas-Subien.
   - Fis-7:30pm, fil-Knisja Parrokjali ta' Marija Assunta, f'Ħat-Attard, ser tittella' serata biex tfakkar il-25 anniversarju tal-miġja f'Malta ta' San Ġwanni Pawlu II (25-27 ta' Mejju 1990). Kulħadd mistieden.

3. Il-Ħamis 28/05:
   - Fil-5:00pm ikollna r-Rehersal u l-aħħar preparamenti għall-Ewwel Tqarbina.
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ġimgħa 29/05:
   - Fil-5:00pm ikollna l-Qrar għat-Tfal li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina fil-Knisja.

5. Is-Sibt 30/05:
   - Mill-5:00pm sas-6:00pm ikollna l-Qrar għall-Ġenituri.

6. Il-Ħadd 31/05, **it-Trinità *u Jum l-Ewwel Tqarbina***:
   - Fid-8:45am it-tfal jinġabru l-MUSEUM tal-bniet fejn jitteħdulhom xi ritratti u mbagħad jimxu purċissjoni lejn il-knisja.
   - Fl-10:00am tibda l-Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina.
   - Fil-5:30pm, fil-Knisja ta' San Franġisk, Villambrosa, Ħamrun, ser issir Quddiesa ta' Ringrazzjament għall-50 Sena ta' Professjoni Reliġjuża ta' diversi Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fosthom Sr Salvina Callus, mill-parroċċa tagħna. Nifirħulha u nawgurawlha, speċjalment bit-talb tagħna.

7. It-Tnejn 01/06:
   - Is-Soċi tal-MUSEUM qed jistiednu lill kulmin hu interessat biex jattendi għall-Pellegrinaġġ għal San Ġorġ Preca fil-knisja tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża, il-Blata l-Bajda, fejn niċċelebraw quddiesa fis-7:00pm. Tluq mill-Pjazza tal-Knisja bil-private fis-6:20pm. Min hu interessat jinforma lis-Superjur jew lil xi ħadd mill-membri tal-Museum tas-Subien.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 1,860 bħala donazzjonijiet mit-Tberik fil-Familji.
   - € 70 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl.
   - € 38 bħala għajnuna għal dawk li qed isoffru mit-terremot tan-Nepal, fl-Indja.

   Grazzi mill-qalb.